Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-18 ta' Jannar 2024**

**Kump. Nru. 411/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Wayne Rodney Borg)**

**Versus**

**Bradley Schembri**
**(293498M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Bradley Schembri**, detentur tal-karta tal-identita' numru 293498M.

Akkuzat talli bejn Jannar tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022) u Mejju tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (2023) f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

1. Iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi atti pubbliku tal-Gvern;

2. U aktar talli xjentement ghamel uzu minn wahda mill-karti msemmijin;

3. U aktar talli ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz

minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skrittura wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

5. U aktar talli sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghtif falz;

6. U aktar talli b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' kriditi immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5,000) bi hsara tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita' u/jew entitajiet ohra;

7. U aktar talli bi hsara tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita' u/jew entitajiet ohra, ghamel qligh iehor b'qerq ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5,000);

8. U aktar talli kellu fil-pussess ta' jew kellu taht il-kontroll tieghu xi oggetti ghall-uzu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda ta' Martin Buhagiar.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tad-9 t'Ottubru 2023, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet rigward il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**Ikkunsidrat**

L-ammissjoni bikrijja ta' l-imputat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 18, 31, 167, 169, 183, 184, 188(1)(2), 308, 309, 310(1)(b) u 310BA tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih u tikkundannah ghal piena ta' **sentejn (2) prigunerija**, illi b'applikazzjoni ta' l-**Artikolu 28A tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu **sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin**.

Kif ukoll ai termini tal-**Artikolu 28H(1)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil imputat Bradley Schembri jirrestitwixxi lid-**Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, il-Gvern ta' Malta u/jew entitajiet ohra l-ammont ta' erbat elef, mitejn erbgha u erbghin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€ 4,244.88), u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28H(2)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat qed jinghata **zmien sitt xhur millum sabiex ihallas lill-parti leza.**

Il-Qorti spjegat lil imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Illi fil-kaz odjern ma gewx mahtura esperti u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat f'dan ir-rigward.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**